DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182733** **17.12.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Għoti tal-awguri mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati lill-uffiċjali tal-Parlament u l-media***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati ltaqa' mal-uffiċjali tal-Parlament u mal-*media* fejn tqassmu l-awguri tal-Milied u għas-Sena l-Ġdida. F'din l-okkażjoni l-Ispeaker ltaqa' mal-Ombudsman is-Sur Anthony Mifsud, l-Awditur Ġenerali s-Sur Charles Deguara, id-Deputat Awditur Ġenerali s-Sur Noel Camilleri kif ukoll mal-Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika Dr George Hyzler.

L-Ispeaker Farrugia ħa l-okkażjoni biex irringrazzja kemm lill-uffiċjali preżenti kif ukoll lill-*media* tax-xogħol siewi li huma jagħmlu matul is-sena biex tissaħħaħ id-demokrazija parlamentari f'pajjiżna kif ukoll biex jiżdied l-għarfien tax-xogħol li jkunu qed iwettqu r-rappreżentanti tal-poplu fil-Parlament.

Waqt l-istess okkażjoni l-Ispeaker Farrugia, fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, ippreżenta ċertifikat ta' apprezzament u *memento* lis-Sinjura Bernice Abela, li hija impjegata bħala *usher* mal-Parlament, għad-dedikazzjoni u s-sens ta' responsabbiltà li wriet ma' uffiċjal tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijietu fuq il-post tax-xogħol fil-bini tal-Parlament nhar il-Ħamis, 6 ta' Diċembru 2018, bl-għoti tal-ewwel għajnuna b'mod immedjat u effettiv f'mument kritiku u ta' periklu imminenti għall-ħajja. Il-Kummissarju tal-Pulizija wkoll irringrazzja lis-Sinjura Abela u ppreżentalha tifkira tal-okkażjoni.

**Attachments: photo** 



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**